

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Jannar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – il-Belġju) – Pesticide Action Network Europe, Nature et Progrès Belgique ASBL, TN vs État belge

(Kawża C-162/21 ⁽¹⁾, Pesticide Action Network Europe et)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Regolament (KE) Nru 1107/2009 – Tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Artikolu 53(1) – Sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-protezzjoni tal-pjanti – Deroga – Kamp ta' applikazzjoni – Żrieragħ ittrattati permezz ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Neonikotinojdi – Sustanzi attivi li huma ta' riskju kbir għan-naħal – Projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq u tal-użu estern taż-żrieragħ ittrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/784 u Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/785. – Nuqqas ta' applikabbiltà tad-deroga – Protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent – Prinċipju ta' prekawzjoni)

(2023/C 83/05)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Pesticide Action Network Europe, Nature et Progrès Belgique ASBL, TN

Konvenut: État belge

Fil-preżenza ta': Sesvanderhave SA, Confédération des Betteraviers Belges ASBL, Société Générale des Fabricants de Sucre de Belgique ASBL (Subel), Isera & Scaldis Sugar SA (Iscal Sugar), Raffinerie Tirlemontoise SA

Dispożittiv

L-Artikolu 53(1) tar-Regolament Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jippermettix lil Stat Membru jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għat-trattament taż-żrieragħ, kif ukoll it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' żrieragħ ittrattati permezz ta' dawn il-prodotti, peress li t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' żrieragħ ittrattati permezz ta' dawn l-istess prodotti kienu ġew espressament ipprojbiti permezz ta' regolament ta' implimentazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 242, 21.6.2021